MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 132/2005

**Maltacom Plc (C 22334)**

**Vs**

**Laura (ID 2769G) u Carmelo konjugi Zarb (ID 387752 M)**

Il-Qorti:

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghadhomx jigu kkundannati li jhallsu lill-attur is-somma ta` elf, hames mija, sitta u tmenin liri maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm1,586.54) rapprezentanti ammont mill-konvenuti dovut in konnessjoni ma` servizzi telefonici in kwantu ghal Lm734.73 fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21419634 in kwantu ghal Lm755.65 fuq servizz telefoniku 21420422 u in kwantu ghal Lm96.16 fuq servizz telefoniku 21562739

(skond kif jirrizulta mill-anness Dok. A, Dok. B, Dok. C) liema servizzi gew installati fil-fond numru 33, Misrah Darnino, Naxxar, respettivament u dana kif jirrizulta mill-anness Dok. D.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta` l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi ma` l-istess avviz u mmarkati <u>Dok. A, Dok. B, u Dok. C</u> a fol. 2, fol. 4 u fol. 6 tal-atti.

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Zarb (fol. 33 ibid) u li biha ecepixxa bir-rispett:-

1. Fl-ewwel lok kwantu ghall-maggjor parti tal-kont, tali azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti huwa *de facto* separat minn ma` martu l-konvenuta l-ohra u s-servizz in kwistjoni iddahhal minnha u gie utilizzat esklussivament minnha permezz ta` telefonati maghmula minnha kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat li l-konvenuta avolja debitament notifikata a bazi tal-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, qatt ma deheret quddiem din il-Qorti u lanqas, b`xi mod, ikkuntestat it-talbiet attrici (ara fol. 18 sa fol. 20, fol. 30 u 31, u fol. 35 ibid kif ukoll dak verbalizzat a fol. 37 ibid u d-digriet a fol. 15 sa fol. 17 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward l-eccezzjoni preliminari in esami sottomess mill-konvenut u bazata fuq l-artikolu <u>2153</u> tal-Kodici Civili

jidher evidenti li din ma hiex applikabbli f`dan il-kaz in vista li din tghid illi "L-azzjoni ghall-hlas ta` hsarat mhix kagunati b`reat taqa` bi preskrizzjoni bl-gheluq ta` sentejn.

Illi dan il-kaz jittratta dwar ammont allegatament dovut in konnessjoni ma` servizzi telefonici fuq tlett linji differenti. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tordna li dan il-kaz jitkompla u jigi deciz fuq il-merti tieghu wara li tigi kkunsiderata t-tieni (2) eccezzjoni ta` l-istess konvenut.

Bl-ispejjez riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------